MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-14 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 615/1996/1

Avviz Nru  615/96DM

George Pace Company Ltd

vs

Italmal Ltd

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu dak l-ammont li jigi likwidat minn din il-Qorti rapprezentanti hlas ta' senserija u

prestazzjonijiet u spejjez inkorsi mill-istess socjeta attrici in konessjoni ma bejgh ta’ trailer u truck lil Motherwell Bridge Malta Ltd., bl-imghaxijiet legali.

Ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li l-ammont mitlub ma jeccedix l-elf lira Maltija (Lm1000).

Bl-ispejjez u bis-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni..

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talba attrici hi assolutament infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu l-eccipjenti nomine la xtara u lanqas biegh izda hu stess agixxa biex jassisti lis-Socjeta’ Motherwell Bridge Malta Ltd. biex tixtri truck u trailer mill-Italja; in effetti l-eccipjenti rceva senserija minghand il-vendituri Taljani.
2 Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tas-socjeta konvenuta pprezentata fil-15 ta’ Frar 2002

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-fatti principali li fuqhom hija bbazata l-kontestazzjoni odjerna mhumiex in kontestazzjoni.

Il-partijiet infatti jaqblu illi kien certu Victor Lazon, in rapprezentanza tas-socjeta Motherwell Bridge Malta Limited, li avvicina lil George Pace ta’ George Pace

Company Limited, il-kumpanija attrici biex jindaga dwar il-possibilita’ illi huwa jixtri trukk bi trailer mieghu.

Jirrizulta ukoll George Pace inkariga ruhu li jghamel ir-ricerki kollha  necessarji sabiex isib minn kellu  ghal bejgh trukk u trailer tal-kwalita’ u daqs li ried Falzon u ftiehem ma Victor Lanzon dwar il-kumpens li kellu jiehu ta’ din l-assistenza li kien ser jghati lill-kumpanija Motherwell Bridge Malta Limited sabiex din tkun tista takkwista dan it-trukk u t-trailer.

Fil qadi ta’ dan l-inkarigu tieghu, George Pace kien ikkommunika  ma Carmel Dimech in rapprezentanza tal-kumpanija konvenuta, Italmal Limited u dana Dimech min-naha tieghu, kien informa lil Pace illi huwa kellhu kuntatti ma proprjetarji Taljani ta’ trucks u trailers u kien ser jindaga jekk jirnexxilux issib trukk u trailer illi huwa tajjeb ghall-iskopijiet tal-klijenti ta’ George Pace.

Infatti malli l-kumpanija konvenuta sabet, fl-Italia, trailer addattat, Carmelo Dimech, George Pace, Victor Lanzon u xi persuni  ohra telghu l-Italia biex hemmhekk irrapprezentanti tal-kumpanija kompratrici ltaqghu mal-venditur, saru l-akkordji neccessarji, u effettivament it-trailer inxtara u ngib f’Malta.

Fejn il-partijiet ma jaqblux huwa dwar il-fatt ta’ bejn min kien effettivament intlahaq il-ftehim tal-bejgh.  Filwaqt illi l-kumpanija attrici isosstni illi t-trukk u t-trailer gie mibjugh mill-kumpanija Italmal Limited lil MotherwellBridge Malta Limited, il-konvenuti sosstnu li l-kumpanija Motherwell Bridge Malta Limited xtrat it-trukk direttament minghand il-proprjetarji taljani u l-kumpanija konvenuta kienet agixxiet biss bhala agenti tal-proprjetarji f’dan il-kaz.

Evidentement din id-distinzjoni ghandha r-rilevanza taghha peress illi s-senserija hija dovuta a tenur tal-Artikolu 1361 (2) in kwantu ghal nofs mill-bejjiegh u nofs mix-xerrej.

Ghalhekk il-kumpanija konvenuta tista biss tigi kkundannata thallas senserija jew xi kumpens iehor in

konnessjoni mal-bejgh, fil-kaz biss illi jirrizulta illi l-kumpanija Italmal Limited hija effettivament il-kumpanija venditrici tat-trukk in kwistjoni.

Ghalhekk huwa essenzjali illi wiehed jezamina c-circostanzi kollha tal-kaz u dawk il-fatturi kollha li effettwaw u wasslu ghal ftehim tal-bejgh, sabiex jigi kkonstatat x'kienet effettivament il-posizzjoni legali tal-kumpanija Italmal Limited.

Zewg fatti li jimmillitaw favur it-tezi attrici, huma l-fatt illi l-prezz patwitt kien gie mhallas lill-kumpanija konvenuta a bazi ta' "invoice" mahruga mill-istess kumpanija konvenuta esibita a fol 46 (tal-process) u jidher mid-dokument VL2 (rcevuta tat-taxxa tar-registrazzjoni tal-istess trukk) li jindika illi l-istess trukk mibjugh kien rregistrat f'isem Italmal Machinery Limited meta gie mportat.

Pero' dak li ghandhu rilevanza ikbar f'dan il-kaz, hija d-deposizzjoni ta' Victor Lanzon, in rapprezentanza tal-kumapanija kumpratrici, fejn ghalkemm ix-xhud iddikjara illi huwa xtara it-trukk minghand il-kumpanija konvenuta, jammetti illi t-trattattivi saru l-Italia mal-proprjetarju tat-trukk, u ghalkemm dawn it-trattattivi saru bl-intervent ta' Carmelo Dimech ghall-kumpanija konvenuta, dan kien indahal ghaliex, fi kliem Victor Lanzon stess, il-proprjetarji taljani kienu qed jafdaw assolutament ghan-negozzjati f'idejn il-kumpanija konvenuta.

Inoltre, meta kien qed isir il-ftehim u qed jigi ezaminat l-oggett li kien ser jinbiegh, il-partijiet kollha koncernati kienu ampjament informati u accertati illi f'dak iz-zmien it-trukk soggett ghal bejgh ma kienx proprjeta tal-kumpanija Italmal Limited izda proprjeta ta' persuni ohra.

Jirrizulta wkoll infatti, kif jammetti hu stess Victor Lanzon, illi l-prezz ma giex miftihem fi flus Maltin izda fi flus taljani, u l-pagament sar fi flus Maltin ghar-raguni biss illi l-prezz kien ser jithallas hawn Malta mill-kumpanija konvenuta a bazi tal-invoice minnha spedita.

Ghaldaqstant hija ferm iktar verosimili l-verzjoni moghtija mill-konvenuti illi allegaw illi ndahlu huma biex jimportaw it-trukk u jigbru l-prezz ghan-nom tal-proprjetarji taljani, minhabba l-fatt biss, li ma giex ikkontestat, illi l-bejgh kellu jigi kkompletat wara li t-trukk ikun gie importat Malta w il-hlas kellu jsir wara li t-trukk ikun digia' telaq mill-pussess tal-proprjetarji Taljani.

Jirrizulta ghalhekk logiku illi l-proprjetarji taljani, li kellhom bhala agenti lill-kumpanija konvenuta u li kienu ser jesportaw il-proprjeta taghhom f'Malta minghajr ma jkunu rcevem il-prezz pattwit, li jinkarigaw lill-kumpanija konvenuta sabiex din tipprotegi l-interessi taghhom sa dak iz-zmien illi jithallas il-prezz kollu fl-intier tieghu u ghan-nom taghhom tirrilaxxja it-trukk mibjugh. Evidentement dan ma kienzx seta jsir kieku kellhom jesportaw it-trukk direttament f'isem ix-xerrej.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi l-funzjoni tal-kumpanija konvenuta ma kienetx ta' kumpanija venditrici izda biss bhala kumpanija li kienet qieghdha tagixxi bhala agenti tal-proprjetarji tal-oggetti mibjugha u ghalhekk il-konvenuti m'humiex tenuti illi ihallsu ebda senserija jew kumpens in relazzjoni mal-bejgh li gie miftiehem u kompletat bejn terzi persuni.

Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-talba attrici;

Bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici.

--------------------------------TMIEM--------------------------------